GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR240743 | 03.05.2024 | 3 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***"Jekk irridu li verament nagħmlu l-ġid lil għajrna, ejja naraw li nagħtu l-aqwa li nistgħu billi nagħtu sehemna u nagħtu d-demm; ġest nobbli li bih ngħinu lil min verament għandu bżonn"***

Dan kien il-messaġġ li għadda l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati meta matul il-jum tat-3 ta' Mejju, iċ-Ċentru Nazzjonali għat-Trasfużjoni tad-Demm f'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju tal-Ispeaker u d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittjiet tat-Tfal kienu għad-dispożizzjoni ta' eluf li setgħu jagħtu d-demm huma u deħlin fil-Belt Kapitali ta' pajjiżna.

L-Ispeaker faħħar l-inizjattiva li jieħdu l-impjegati fi ħdan Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittjiet tat-Tfal flimkien mal-impjegati tal-Parlament sabiex jassiguraw li din l-attività tinżamm kull sena.

Hu tenna li dan il-ġest u att ta' karità jiswa aktar minn kull forma ta' għajnuna oħra hekk kif il-provvisti tad-demm huma bżonn kontinwu ġewwa pajjiżna. L-Ispeaker appella sabiex il-midja tgħarraf fl-iqsar żmien possibbli fuq kull forma tax-xandir sabiex jgħarrfu lill-pubbliku inġenerali sabiex jattendi bi ħġaru biex jagħti d-demm illum, ġewwa l-Belt Valletta, fejn quddiem il-binja tal-Parlament jinsab armat il-mobile unit taċ-Ċentru Nazzjonali għat-Trasfużjoni tad-Demm.

Il-konferenza stampa kienet indirizzata wkoll mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal il-Ministru Michael Falzon u mill-Whip tal-Oppożizzjoni Robert Cutajar, li lkoll appellaw sabiex kull min jista' jmur jagħti d-demm. Ingħaqdu magħhom Ivan Castillo, Paula Mifsud Bonnici u l-Whip tal-Gvern Naomi Cachia.